Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, id-19 ta' Gunju 2023**

**Kump. Nru. 1/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**

**Versus**

**Johan Sciberras**
**(620882M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra **Johan Sciberras,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 620882M.

Nakkużah talli :

1. Nhar il-31 ta' Dicembru, 2022 u fil-granet u xhur ta' qabel, fil-Pieta' u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, uza vjolenza, inkluz vjolenza morali u, jew psikologika u, jew sfurzar, sabeix igieghel taghmel, ihalli isir, jew tonqos milli taghmel, xi haga, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew jizola jew jillimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg ghad-detriment ta' missieru Anthony Sciberras u ommu Josephine Sciberras, fejn Johan Sciberras wasal ukoll fil-hsieb tieghu u dan bi ksur ta' artikoli 251(1), 251(2), 251H tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, zmien, lok u cirkostanzi kkawza lil missieru Anthony Sciberras u/jew lil ommu Josephine Sciberras, biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom u dan bi ksur tal-artikoli 251(3), 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil missieru Anthony Sciberras u/jew lil ommu Josephine Sciberras, biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil missieru Anthony Sciberras u/jew lil ommu Josephine Sciberras biza' u dan bi ksur ta' artikolu 251B(1), 222(1), 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji u theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil missieru Anthony Sciberras u/jew lil ommu Josephine Sciberras u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali.

5. U aktar talli kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta minn Magistrat Dr Monica Vella LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

6. U aktar talli sar ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Johan Sciberras ghall-beneficcju ta' missieru Anthony Sciberras u/jew lil ommu Josephine Sciberras dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini ta' Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' missieru Anthony Sciberras u/jew lil ommu Josephine Sciberras, dan u f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Rat illi kemm il-Prosekuzzjoni u kemm id-Difiza rrimettew ruhhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi hareg b'mod car illi l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna rigward 'anger management' kif ukoll sabiex jeghleb il-vizzju tieghu tad-droga.

Illi wkoll fl-ahhar seduta missier l-imputat xehed illi jekk l-imputat lest li jiehu l-ghajnuna u jbiddel hajtu, hu lest li jerga' jilqghu gewwa daru.

Illi l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l- akkuza **numru hamsa (5)**, stante li s-sentenza pprezentata mill-Prosekuzzjoni **'Pulizija vs Johan Sciberras'** deciza mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit, fil-konfront ta' l-imputat ggib d-data ta' l-4 ta' Settembru 2020 u ghalhekk t-terminu tas-sentenza sospiza kien ezawrit fid-data li gew kommessi ir-reati tal-kawza odjerna.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li qed **tastjeni** milli tiehu konjizzjoni t'akkuza **numru hamsa (5)**, wara li rat l-Artikolu 7, 31, 49, 50, 202(h), 222(1)(a), 251(1)(2)(3), 251B(1), 251H(a) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **Johan Sciberras hati** ta' l-imputazzjonijiet numru **wiehed(1), tnejn (2), tlieta(3), erbgha(4) u sitta(6)** migjuba kontrih u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati **Johan Sciberras** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lil hati **Johan Sciberras** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjattrika u psikologika necessarja kif ukoll sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u kull ghajnuna ohra li jistgha jkollu bzonn l-imputat, hekk kif jistgha jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tlett (3) snin** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Patrick Gatt. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Anthony Scibberas u Josephine Sciberras ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lil imputat **Johan Sciberras** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile* **Anthony Sciberras u Josephine Sciberras**.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament, u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**